Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/2015

**Ryan Camilleri**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

B'decizjoni tat-12 ta' Dicembru 2014 l-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) laqa' l-appell ta' Ryan Camilleri wara li osserva:-

*"Id-Dipartiment kellu kull ragun jiddeciedi kif iddecieda ghax mexa fuq l-applikazzjoni tal-appellant. Izda minn naha l-ohra l-appellant xehed bil-gurament quddiem l-Arbitru li gharbel sew lill-appellant. L-Arbitru hu konvint mill-verzjoni tal-appellant li kienu nbidlu l-affarijiet u li huh mar ighix f'residenza ohra u ma kienx baqa' jghix maghhom".*

L-intimat, illum appellant, appella mid-decizjoni. L-aggravju hu li peress ir-rikorrent ma kienx kap tal-familja, ma kienx intitolat jircievi l-beneficcju minghand id-Dipartiment. Meta fis-27 ta' Marzu 2014 applika ghall-ghajnuna socjali, iddikjara li kien qieghed ighix man-nanna kif ukoll ma' huh li hu mpjegat. Inoltre fuq l-istess dokument, nanntu ddikjarat li n-neputijiet taghha jghixu maghha fuq bazi permanenti. Skond il-ligi hi fid-diskrezzjoni tad-direttur li jiddeciedi min hu l-kap tal-familja fejn hemm iktar minn persuna wahda. L-Arbitru gharaf li d-Dipartiment kellu ragun jiddeciedi kif iddecieda izda d-decizjoni kienet zbaljata. Madankollu ladarba hu l-appellat ma baqax ighix maghhom, ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellat milli jerga' japplika ghall-beneficcju.

Ghalkemm notifikat, l-intimat ma wegibx.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Fit-28 ta' Marzu 2014 l-appellat applika ghall-ghajnunja socjali. Fl-applikazzjoni ddikjara li l-membri tal-familja jinkludu lilu, lil huh Justin Camilleri u lin-nanna Catherine Spiteri. Fl-applikazzjoni, Catherine Spiteri ddikjarat li n-neputijiet taghha jghixu maghha fuq bazi permanenti. L-applikazzjoni giet michuda peress li l-appellant ma kienx sodisfatt li l-appellat hu l-kap tal-familja.

2. Skond l-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali:

*"'familja' tfisser persuna wahda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita wahedha jew zewg persuni jew izjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bhala familja…..".*

*"'kap ta' familja' dwar familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja".*

3. Hi fid-diskrezzjoni tad-Direttur tas-Sigurta Socjali li jiddeciedi min hu l-kap tal-familja. Fil-kaz in ezami d-Direttur iddecieda li l-kap tal-familja kien Justin Camilleri. A bazi tat-taghrif li nghata fl-applikazzjoni, dak li seta' wassal lill-appellant biex jiddeciedi li Justin Camilleri hu l-kap tal-familja kien li hu ikbar fl-eta' u gie ddikjarat li jahdem filwaqt li l-appellat kien bla xoghol. Il-qorti tqies li d-decizjoni tal-appellant tista' titqies bhala ragonevoli.

4. Il-verzjoni tal-appellat[1] qeghda tigi riprodotta:-

   *"L-appellant bil-gurament ighid li minn dejjem kien ighix ghand in-nanna. L-appellant ighid li huh il-kbir ma kienx ighix man-nanna. Huh kellu l-indirizz fuq in-nanna izda l-appellant ighid li huwa kellu post tieghu gewwa M'Xlokk. L-appellant ighid li huh kien hafna qabel ighix fl-indirizz tan-nanna u dan f'Marzu 2014 meta applika ghal beneficcju. L-appellant ighid li ghalkemm fuq lD card kien fuq il-post tan-nanna, huh ma kienx ighix hemm".*

   A bazi ta' dak li l-appellat iddikjara fl-applikazzjoni, il-qorti m'ghandhiex dubju li d-decizjoni tad-Direttur kienet gustifikata. Jekk wara li saret l-applikazzjoni inbidlu c-cirkostanzi, l-inqas li kellu jsir kien li l-verzjoni l-gdida tal-appellat tigi korraborata b'dik ta' huh Justin Camilleri u Catherine Spiteri. Haga li ma saritx. Dan apparti li lanqas m'hemm taghrif minn meta suppost Justin Camilleri ma baqax ighix fl-istess residenza, li jfisser li bid-decizjoni tal-Arbitru ma giex determinat minn meta semmai l-applikant kellu jitqies bhala l-kap tal-familja.

**Ghaldaqstant tilqa' l-appell tad-Direttur appellant u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Dicembru 2014 u ghaldaqstant ghandha tapplika d-decizjoni tad-Direttur tal-14 ta' Mejju 2014. Spejjez a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.

[1] Verzjoni li ta l-appellat quddiem l-Arbitru fl-14 ta' Novembru 2014.